# HARIFA

**LAWRENCE MIZZI**

L-ajru miksi sħab iswed u griż jhedded li minn waqt għall-ieħor malli jieqaf ir-riħ jinfetħu bwieb is-sema u l-ilma li ilu xhur sħaħ jiġma' jibda nieżel fi gliegel u jaħsel il-ħitan u t-toroq u l-karozzi u jisqi r-raba' mifni minn għatx klubi wara n-nixfa tax-xhur twal tas-sajf.

Ħafna jostnu li l-ħolqien jistenbaħ fir-Rebbiegħa meta l-għasafar ibejtu, is-siġar jarmu u ż-żahar u l-ward jimlew kullimkien bi lwien u fwieħa. Għalija madankollu, il-qawmien jibda qabel, ħafna qabel... jibda meta wara nofs Settembru t-temp jiffriska, it-telqa u l-ħedla tas-Sajf jgħibu, tibda tagħmel ix-xita u l-art, bħallikieku biex twieġeb għas-sejħa ta' l-elementi tibda tnibbet u bla ma tħallik tinduna tinża' l-kannella niexef qoxqox u tilbes l-aħdar tari, frisk, ferrieħ. Mixja qalb l-għelieqi f'dan iż-żmien turik li huwa *issa* meta n-natura — l-istess bħal bebbux — tibda tistenbaħ mir-raqda twila tax-xhur xaħxaħa ta' qabel. Huwa f'dan iż-żmien meta l-art tiddemmel, tinħadem u tinżara' u huwa fil-Harifa stess li l-bidwi jkun jista' jara b'għajnejh jekk dak li jkun difen f'ġuf l-art ikunx ħa l-ħajja u nibet biex aktar 'il quddiem jixxettel, jikber, iwarrad u jagħti l-frott. Dan hu ċ-ċiklu tal-ħajja li taf il-bidu tagħha fil-Harifa u tintemm fi ħruġ ir-Rebbiegħa jew dħul is-Sajf.

Huwa sewwa sew għalhekk li malli nilmaħ riesqa l-Harifa nħoss qalbi trid taqbeż bil-ferħ u t-tama u riġlejja jeħduni lejn il-widien u fuq l-għoljiet fejn inkun nista' noqgħod nitgħaxxaq bid-dehra ġdida ta' ħdura u ħajja.

Mhux li kien inħoss l-istess tqanqil meta waqtiet nieqaf biex naħseb, issa li bdejt nintebaħ bl-ewwel sinjali tal-ħarifa ta' ħajti. Għalija u għal kull min hu daqsi fiż-żmien, ir-Rebbiegħa għaddiet darba għal dejjem u s-Sajf, nistħajjel, ukoll jew wasal biex. X'hemm merfugħ għalija? Harifa u Xitwa? Harifa biss? Waħda qasira? ......................? Moħħi jittaqqal bil-ħsibijiet li nħosshom jitħalltu u jitwaħħdu mad-dubbji mnissla mill-biża ta' ġejjieni mistur fiċ-ċpar.

Nistħajjilni ... qiegħed fuq għolja; inħares 'l isfel u ma nilmaħx ħlief widien kennija iħaddru, mimlija ward u għana u fwieħa — huma d-dehra ta' tfuliti u żgħożiti, li jaħasra għalkemm jidhru daqshekk fil-qrib ma nista' nerġa' nilħaqhom qatt .... Jeħtieġli nibqa' nterraq, dejjem 'il fuq, u aktar ma nħares 'il isfel, aktar inħossni nikleb għall-imgħoddi waqt li jikber f'sidri l-biża' tal-ġejjieni. Nieqaf ma nistax u għal-

hekk ikolli nibqa' tiela' wkoll jekk mikdud mid-dubbji u mill-għeja li bil-qajl bdejt inħossha tagħfas fuqi. Quddiemi ma narax ħlief tlajja' u qċaċet, kif nilħaq waħda dlonk tfiġġ oħra, u wara...oħra u oħra u oħra... qalbi dejjem ittaqtaq li ma mmurx insib ma' wiċċi l-aħħar quċċata li wraiha ma jkunx hemm ħlief dagħbien u tmiem. Maħkum minn dawn il-ħsibijiet beżgħana xi ħadd ilumni jekk il-ħarifa ta' ħajti mhix għalija ħlief għadira li f'wiċċha ma narax għajr dubbji u qtigħ il-qalb li waqtiet iġegħluk tixtieq li qatt ma għext?

Kont nasal biex ninfena għal kollox kieku l-Jien l-ieħor ma jfakkarnix b'ċanfira li bejn Harifa u oħra ma tgħaddi l-ebda differenza: it-tnejn huma l-bidu tal-qawmien ... li ma jistax ikun hemm Rebbiegħa u żahar u frott u għana jekk qabel ma jkunx hemm il-kesħa, il-għera u d-dfin. Ma kienx Hu stess sid il-ħolqien li qal li l-qamħa ma tistax tieħu l-ħajja u tagħti l-frott jekk qabel ma tkunx mietet u ndifnet? Għalfejn mela dad-dieq u l-qtigħ il-qalb? Halli l-irwiefen tal-Harifa u x-Xitwa (jekk ikun hemm) jonfħu; ħalli s-siġar jinżgħu mill-weraq u jxiddu de-hret il-mewt bħal waħda b'dirgħajha miftuħa lesta biex taħtaf kulma ssib quddiemha; l-aqwa li inti *taf* għax temmen li dan iż-żmien għad igħaddi — jeħtieġlu jgħaddi — qabel tkun tista' tfiġġ Rebbiegħa oħra mwarrda, imfewħa, dejjiema li fiha ma jkunux jistgħu għalik il-biża' u l-qtigħ il-qalb, in-niket u l-għeja, il-mard u l-mewt ... Rebbiegħa ta' ħajja li ma tintemmx.

18.X.75.